MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Numru 1347/2007

Il-Pulizija

(Spettur Gabriel Micallef)

vs

Vincent Oliver Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 97246(m) akkuzat talli:

1. fit-28 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer impiega, haddem jew ippermetta l-uzu ta' servizzi ta' gwadjani privati minghajr ma' kellu licenzja tal-Kummissrarju tal-Pulizija;
2. Fl-istess zmien u cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer hadem jew ghamilha bhala gwardjan privat minghajr ma' kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3. Fl-istess zmien u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, gab ruhu b'mod lit a fastidju lil Carmel Coleiro u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ppresntati;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jaghmlu ta' sfond ghal dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat huma li fit-28 ta' Settembru 2007 il-kwerelant certu Silvio Aquilina mar l-ghassa tal-Qawra jirraporta li xi hin qabel kellu diverbju mal-imputat dwar li dan ta' l-ahhar kien qieghed isegwih u kien gja innotah mill-gurnata precedenti. L-imputat gie interrogat mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija fejn stqarr li dan kien veru izda li kien qed jaghmlu bhala parti mix-xoghol tieghu ta' investigatur privat fuq inkarigu ta' mart il-kwerelant.

Illi fid-dawl tal-akkuzi l-punt principali investit huwa jekk l-imputat kellux, ossija, kienx kopert b'licenzja apposita mill-Kummissarju tal-Pulizija li ippermettitlu jaghmel dan ix-xoghol u allura u konsegwentement jekk kienx awtorizzat jimpiega, ihaddem jew, fi kliem testwali tal-ligi, "jippermetti l-uzu ta' servizz ta' gwardjani privati kemm–il darba dawk is-servizzi ma' jinghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati skond il-kaz, li ghandhom licenza skond … l-Att"; ir-referenza hi ghall-Att XIII/1996 – Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fattur li ghandu jissemma f'dan l-istadju tal-kawza u li jirrisulta mid-dokumenti esebiti in atti hu li l-imputat huwa iccertifikat u kkwalifikat minn istituzzjonijiet barra minn Malta biex jopera ta' investigatur privat - ghandu diploma li tattesta ghal dan. Izda jirrisulta wkoll li l-imputat m'ghandux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija li tawtorizzah jaghmel dan it-tip ta' xoghol f'Malta jew aktar korrett li qatt ma applika u kwindi qatt ma nhargitlu tali licenzja ghalkemm s-servizzi tieghu f'dan il-qasam gew isufrwiti anka minn enti pubblici inkluz mill-korp tal-pulizija.

Intant, fuq l-ewwel akkuza impernjata fuq l-Artikolu 4 tal-Kap 389 m'hemmx il-prova li l-imputat "impiega, haddem jew ippermetta l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati" ai termini tal-imsemmi artikolu. Li jirrisulta, mhux kontestat, hu li l-imputat jopera taht isem socjeta' "O.Abela International Investigators" sic et simpliciter. Kwindi din l-akkuza ma tinsabx pruvata.

Rigward it-tieni akkuza: din tixli l-imputat li hadem jew ghamilha bhala gwardjan privat minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-kliem operattivi huma "gwardjan privat" li hu identifikat fil-ligi bhala "kull individwu jew ghaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta' gwardjani privati..". Dawn is-servizzi huma mfissra fil-ligi u fosthom hemm inkluz dawk "is-servizzi ta' investigazzjoni privata" li taghhom il-ligi wkoll taghti definizzjoni restrittiva li tikkomprendi l-"ksib, bejgh, jew provvista lil xi persuna ta' xi taghrif" dwar il-movimenti ta' xi persuna jew fejn tkun.

Intant, l-Artikolu 3 tal-Att testwalment jipprovdi li "ebda persuna ma ghandha tahdem bhala gwardjan privat jew hekk tofri s-servizzi taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex licenzja…" li tinkiseb permezz ta' applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija kif specifikat fic-citat Att. M'hemm xejn mid-dokumenti esebiti li juru li l-imputat kien applika jew ukoll li nhargitlu licenzja relattiva, anzi, x-xhieda a fol.54 hija kategorika fis-sens li tali licenzja l-imputat ma kellux. Huwa wkoll car mill-provi, anka ammessi mill-imputat, li huwa kien qieghed jissorvelja lill-kwerelant fuq inkarigu ta' martu li riedet tinkixxef fuq kwistjoni ta' manteniment dwar jekk il-kwerelant kienx jahdem jew le.

Dwar it-tielet imputazzjoni l-Qorti tafferma li fic-cirkostanzi tal-kaz, senjatament li l-imputat kien qieghed jagixxi bhala investigatur privat, awtorizzat bil-ligi jew le huwa irrilevanti fil-kuntest ta' din l-imputazzjoni, li difficilment tista' tinkwadra fiha l-'mens rea' li huwa element krucjali ghas-sosteniment ta' kull delitt.

Qabel ma tghalaq u f'dan l-ahhar stadju tas-sentenza l-Qorti sejra taghmel xi osservazjonijiet fuq in-nota tas-sottomissjoni tal-imputat. Hi l-opinjoni taghha illi l-proceduri hawhekk jittrattaw il-htiega ta' licenzja da parti tal-imputat biex jagixxi ta' investigatur privat. Il-Qorti hi tal-fehma li din il-licenzja kienet mehtiega b'daqstant li frankament mhux qeghda tara li minhabba f'hekk (il-htiega ta' licenzja) inkiser xi dritt fondamentali tal-imputat ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. M'huwiex il-kaz li qieghed jintqal li inti mhux intitolat izda biex topera trid licenzja bhal mhu il-kaz ghall-esercizzju ta' hafna professjonijiet u okkupazzjonijiet. Oltre dan il-ligi in disamina tidher li taghmel eccezzjoni ghas-"servizzi ta' gwadjani lokali" meta "provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorita' taht id-disposizzjoni ta' xi ligi ohra barra minn l-Att" in kwistjoni, ossija l-Kap 389. Kwindi, mhux qeghdha taghti piz lid-difiza dwar l-akkwiescenza hlief semmai ghall-fini tal-piena.

Dwar il-piena stante li l-imputat ser jinstab hati tat-tieni imputazzjoni l-Qorti tghid li din il-piena hija dik sancita fl-Artikolu 25(2) tal-Att 389 ossija dik li fil-fehma taghha hi applikabbli f'dan il-kaz. Din tikkontempla multa ta' mhux izjed minn 4568.75 Euro u prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerja flimkien.

Rat l-attenwanti generici. Rat l-Artikolu 3 u 25 tal-Att 389. Tikkundanna l-imputat fuq it-tieni akkuza waqt li tilliberah mill-bqija. Tikkundannah ghall-piena tassattiva ta' prigunerija ghal zmien xahar li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------